



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-383/10

**Il-Kummissjoni Ewropea
vs
Ir-Renju tal-Belġju**

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Artikoli 56 TFUE u 63 TFUE — Artikoli 36 u 40 tal-Ftehim ŻEE — Leġiżlazzjoni fiskali — Eżenzjoni fiskali rriżervata għall-interessi mħallsa mill-banek residenti bl-esklużjoni ta’ dawk imħallsa mill-banek stabbiliti barra mill-pajjiż”

Sommarju — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tas-6 ta’ Ġunju 2013

1. *Stati Membri — Kompetenzi rriżervati — Tassazzjoni diretta — Obbligu li din il-kompetenza tiġi eżerċitata fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni*
2. *Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Restrizzjonijiet — Leġiżlazzjoni fiskali — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tirriżerva eżenzjoni fiskali għall-interessi mħallsa mill-banek residenti bl-esklużjoni ta’ dawk imħallsa minn banek stabbiliti barra mill-pajjiż — Ġustifikazzjoni bbażata fuq in-neċċessità li tīgħi ggarantita l-effikaċċja tal-kontrolli fiskali — Insuffiċjenza ta’ strumenti ta’ kooperazzjoni fil-livell tad-dritt tal-Unjoni — Preżunzjoni ġenerali ta’ evażjoni jew ta’ evitar fiskali — Inammissibbiltà*

(Artikolu 56 TFUE; Ftehim ŻEE, Artikolu 36; Direttiva tal-Kunsill 77/799)

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara 1-punt 40)

2. Jonqos milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 56 TFUE kif ukoll l-Artikolu 36 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea Stat Membru li jistabbilixxi jew iżomm fis-seħħ sistema ta’ tassazzjoni diskriminatoreja tal-interessi mħallsa mill-banek mhux residenti, li tirriżulta mill-applikazzjoni ta’ eżenzjoni fiskali rriżervata biss għall-interessi mħallsa mill-banek residenti.

Leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi sistema fiskali differenti għall-interessi li jirriżultaw minn fond ta’ tfaddil, skont jekk humiex imħallsa minn banek stabbiliti fi Stat Membru jew le, toħloq ostakolu għal-libertà li jiġi pprovduti servizzi. Hija għandha l-effett li tiskoraġġixxi lir-residenti ta’ Stat Membru milli jużaw is-servizzi ta’ banek stabbiliti fi Stat Membru oħrajn u li jiftħu jew iżommu kontijiet ta’ tfaddil fi ħdan banek mhux stabbiliti fl-Istat Membru ta’ residenza. Sistema fiskali li tostakola l-libertà li jiġi pprovduti servizzi tista’ tīgħi ġġustifikata min-neċċessità li tīgħi għarantita l-effikaċċja tal-kontrolli fiskali kif ukoll mill-ġlied kontra l-evażjoni u l-evitar fiskali, bla ħsara għall-osservanza tal-prinċipju ta’ proporzjonalità, fis-sens li għandha tkun xierqa sabiex jiġi għarantit it-twettiq tal-għan tagħha u li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċċessarju sabiex dan jintlaħaq.

Madankollu, ġustifikazzjoni bbażata fuq l-insuffiċjenza ta’ strumenti ta’ kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni ma tistax tīgħi milquġha peress li l-mekkaniżmi koperti mid-Direttiva 77/799, dwar għajnejna reċiproka mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni diretta, huma

MT

suffiċjenti sabiex jippermettu lil Stat Membru li jwettaq kontroll tal-veraċità tad-dikjarazzjonijiet tal-persuni taxxabbli tad-dħul tagħhom mwettaq minn Stat Membru ieħor. Id-diffikultajiet eventwali li jsibu sabiex jiġbru l-informazzjoni rikjestha jew in-nuqqasijiet li jista' jkun hemm fil-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet fiskali tagħhom ma humiex ġustifikazzjoni għar-restrizzjoni għal-libertajiet fundamentali għgarantiti mit-Trattat. Fil-fatt, xejn ma jwaqqaf lill-awtoritajiet fiskali kkonċernati milli jeżiġu mill-persuni taxxabbli l-provi li huma jikkunsidraw neċċesarji sabiex jiġu stabbiliti t-taxxi kkonċernati b'mod korrett u, skont il-każ, li tiġi rrifutata l-eżenzjoni mitluba jekk dawn il-provi ma jkunux ipprovduti.

Barra minn hekk, il-ġustifikazzjoni bbażata fuq ir-riskju ta' eżenzjoni doppja u għalhekk, b'mod impliċitu, dik tal-ġlieda kontra l-evażjoni u l-evitar fiskali ma tistax tiġi aċċettata ħlief jekk hija tirrigwarda skemi purament artifiċjali li għandhom l-għan li tiġi evitata l-liġi fiskali, u dan jeskludi kull preżunzjoni ġenerali ta' frodi. Għaldaqstant, preżunzjoni ġenerali ta' frodi jew ta' evażjoni fiskali ma tkunx suffiċjenti sabiex tiġġustifika miżura fiskali li tista' tippregħudika l-għanijiet tat-Trattat.

(ara l-punti 44, 45, 47, 49, 51-54, 61, 64, 75 u d-dispożittiv)